IL-BIRGU
Citta' Vittoriosa

# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 45

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa ta' waranofsinhar (5:00pm) nhar **it-Tlieta 15 ta' Frar 2022**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Vici-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi - Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**ASSENTI:**

Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u  ppresedja l-laqgħa.

**45.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

45.1.1 Ebda talba ta' apoloġija.

45.1.2 Is-Sindku rrimarka li l-laqgħa bdiet nofsiegħa tard, fil-17:30pm, peress li ma ntlaħaqx courum u kienu preżenti biss fil-ħin huwa u l-kunsillier s-Sur Anton Gellel.

**45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

45.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 44 għall-approvazzjoni. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

**45.3 Korrispondenza**

45.3.1 Preżentata informazzjoni dwar żewġ aħwa mill-Birgu, Lawrence u Joseph Suban li kienu tewmin u l-ewwel arluġġara f'Malta. Is-Sindku ressaq it-talba biex parti minn Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, kantuniera ma' Triq La Vallette u kantuniera ma' Triq Emmanuel Attard Bezzina, tingħata l-isem għal dawn iż-żewġ aħwa. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

45.3.2 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Josianne Muscat, Direttur ta' Ambjent Malta, dwar l-iskema tal-*Urban Greening 2022*. Is-Sindku qal li minn meta waslet il-korrispondenza sal-lum, ħadem flimkien mas-Segretarju fuq żewġ proġetti proposti li huma, it-tħaddir tal-ħajt tal-Mandraġġ u għall-ispazju miftuħ ta' fuq il-ġibjun li hemm f'Tal-Ħawli. Għaldaqstant is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni ż-żewġ applikazzjonijiet taħt din l-iskema. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

45.3.3 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Mark Causon dwar il-proġett MigMed, finanzjat mill-Unjoni Ewropea, fejn informa lill-kunsill li dan ma ġiex approvat. Is-Sindku qal li jkun tajjeb li tissejjaħ laqgħa mas-Sur Causon sabiex jiltaqgħa wkoll mas-Segretarju Eżekuttiv.

45.3.4 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lil Flags Malta sabiex jordna għaxar bnadar żgħar tal-Birgu sabiex jitellgħu fil-konferenza li saret f'Jannar 2022.

45.3.5 Is-Sindku ressaq staqrrija għall-istampa dwar il-Forti u l-Mina tas-Salvatur fil-Birgu. Din l-istqarrija ħarġet kemm mill-kunsill kif ukoll mis-Soċjetà Storiko Kulturali Vittoriosa sabiex b'argumenti validi u b'evidenza storika, jikkonfermaw li kemm il-forti u l-mina, jinsabu fil-konfini tal-Birgu.

45.3.6 Preżentat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Claire Kind, mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn qed tinforma lis-Segretarju li l-persentaġġ tal-Performance Bonus Appraisal irid ikun 5% jew 10% u mhux 9%. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera approvawh għal 10%.

45.3.7 Preżentat il-kuntratt tal-kera tal-art tal-ġnien tal-Ġlażiż mibgħut mis-segretarja tas-Sinjura Catherine Fenech, Laison officer għall-kunsilli lokali fi ħdan l-Awtorità tal-Artijiet. Is-Sindku qal li l-kera tal-art minn mitejn u ħamsin ewro (€250) fis-sena, għoliet għal erbgħat elef, tlett mija u għaxar ewro) €4310, skont kif imniżżel fil-kuntratt il-ġdid. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera qablu li dan huwa wisq u għalhekk is-Sindku qal li se jitkellem mas-Sinjura Fenech dwar dan.

45.3.8 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Marvic Debono, mill-EUPA sabiex jinforma l-kunsill li l-proġett li applikaw għalih is-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi taħt il-fond tal-European Solidarity Corps, ġie approvat.

45.3.9 Preżentati stimi għal sitt bozoz għaż-żona tal-Ħawli, wara li dawn il-lampi tkissru mill-kuntrattur li ħadem fuq il-blokok tal-Gvern. Dawn il-lampi se jinxtraw ġodda bi spejjeż għall-kuntrattur. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera approvaw l-irħas offerta.

45.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Ministru l-Onor. Miriam Dalli dwar il-problema tal-kaptelli tal-ilma li saru ġodda waqt il-proġett tal-pavimentar taż-żona tal-Collacchio fejn dawn saru diffiċli wisq biex jinfetħu minħabba s-sadid. Għal din il-korrispondenza wieġbet lura l-Ministru kif ukoll is-Sur Ivan Falzon, CEO tal-Korporazzjoni tal-Ilma fejn informa lis-Sindku li qed jaħdmu biex tinsab soluzzjoni għal din il-problema.

45.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Eman Zerafa, Segretarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ Palmiżi rigward il-Highlights ta' Jesus Christ Superstar li jixtiequ jtgħellu f'Couvre Porte nhar Ħamis ix-Xirka u l-Ġimgħa l-Kbira. Is-Sindku

qal li hu ma jsib ebda oġġezzjoni biss qabel isir xi reklamar, jintbgħat il-poster għall-approvazzjoni u filwaqt li l-post jinżamm dejjem nadif. Il-kunsilliera qablu unanimament.

45.3.12 Preżentata korrispondenza dwar il-proġett *Seven European Countries, One Identity,* relatat mal-Birgufest 2020, li l-Kunsill Lokali tal-Birgu kien rebaħ bl-għajnuna tas-Sur Mitja Bukovec, fejn qed ikun infurmat biex jestiżi d-data tal-proġett peress li dan ma sarx minħabba l-pandemija. Is-Sindku qal li ntbgħatet ittra sabiex il-proġett ikun jista' jsir f'Ottubru 2022.

45.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Malta Digital Innovation Authority sabiex tkun ipprovduta spazju fil-kunsill sabiex iqassmu laptops lir-residenti li bbenefikaw mill-iskema tagħhom.

45.3.14 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Dr Mark Causon dwar proġett ġdid taħt l-iskema tal-Unjoni Ewropea - *Town Twinning between Turkey and EU-II (Twinning for a Green Future) Grant Scheme (TTGS-II).* Il-proġett ingħata l-isem *Green Plans for Green Future* u se jkun qed japplika għan-nom tal-kunsill is-Sur Causon. Is-Sindku qal li wera interess f'dan il-proġett. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

45.3.15 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Fabian Galea dwar il-ġurnata tal-iffirmar tal-kuntratt tal-proġett tal-lift tal-Berġa tal-Ingilterra li se jkun qed isir mill-fondi tan-Norway Grants.

**N.B. 17:37pm Il-Kunsillier is-Sur Trevor Mizzi daħal għal laqgħa.**

45.3.16 Preżentata stima għal mobile toilet biex jiġi nstallat fil-bandli tal-Birgu la darba l-proġett ikun komplut. Is-Sindku qal li dan jista' jitpoġġa eżatt qrib id-daħa tal-bandli fil-ġenb sabiex it-trakk li jbattal il-mobile toilet ma jkollux għalfejn jidħol ġewwa. Wara diskussjoni dwar dan il-mobile toilet, ġie deċiż mis-Sindku u l-kunsilliera preżenti li dan it-toilet ma jsirx għal diversi fatturi fosthom, li ftit passi 'l bogħod mill-bandli hemm latrina pubblika. Il-kunsillier s-Sur Trevor Mizzi qal li din il-latrina għandha tingħata lill-Gvern u jimpjega ħaddiem huwa magħha u fl-istess waqt tkun tista' tiġi rranġata. Dan minħabba l-fatt li din il-latrina għalkemm tinsab fil-Birgu, taqdi ħtiġijiet ta' ħafna aktar nies peress li tinsab fi triq arterjali u viċin gabbana. Is-Sindku qal li l-kunsill qed jingħata fondi mill-allokazzjoni tal-kunsill biex iżomm fi stat tajjeb il-latrini pubbliċi u għaldaqstant dawn jistgħu jintilfu jekk din ma tibqax' taħt il-kunsill. Il-kunsillier is-Sur Anton Gellel qal li l-kunsill jista' jieħu l-fondi għal-latrina tal-Berġa ta' Franza flok tal-

Fortini peress li din hija pubblika wkoll. Is-Sindku qal li jekk se tinżamm il-latrina tal-Fortini u hemm fondi biex titranġa, titranġa b'mod tajjeb u kif suppost. Il-Viċi-Sindku ppropona wkoll li jekk hemm bżonn, la darba titranġa, din il-latrina tkun bi ħlas bħal latrini oħrajn madwar Malta fosthom il-Belt.

**45.4 Survivors – It-Tieni Volum**

45.4.1 Is-Sindku qal li t-tieni volum tal-ktieb Survivors jinsab lest. Dan il-ktieb se jkun qed jitqassam lill-anzjani li jidhru fil-ktieb u kopja lill-familjari tagħhom f'okkażjoni speċjali li tiġbor flimkien lil kulħadd. Is-Sindku qal li għal dan il-ktieb il-kunsill se jkun qed iħallas elfejn u ħames mitt Ewro (€2500).

**45.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

45.5.1 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li l-proġett tal-ġnien tal-Glażiż kien se jsir mill-Wasteserv u li dwar dan il-proġett se jkollu laqgħa mas-CEO s-Sur Richard Bilocca sabiex jispjegalu kif se jkun qed isir dan il-proġett tant mistenni.

45.5.2 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-overtime tal-ħaddiema klerikali għax-xhur ta' Diċembru 2021 u Jannar 2022. Il-kunsilliera preżenti approvawh unanimament.

**45.6 Approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti**

44.13.1 Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 37** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 6242** sa **BOV 6258** u **HSBC 9817** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda preżentata.

**45.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja ta` filghaxija (8:00pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir Il-Ħamis 10 ta` Marzu 2022 fis-sitta ta` filgħaxija (6:00pm).

Konfermati llum: **10 ta' Marzu 2022.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |